Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 30/17**
il-Lussemburgu, l-14 ta' Marzu 2017

Sentenzi fil-Kawżi C-157/15, Achbita, Centrum voor Gelijkheid van kansen en voor racismebestrijding vs G4S Secure Solutions u C-188/15 Bougnaoui u Association de défense des droits de l'homme (ADDH) vs Micropole Univers

# Regola interna ta' impriża li tipprojbixxi l-ilbies viżibbli ta' kwalunkwe simbolu politiku, filosofiku jew reliġjuż ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta

*Madankollu, fl-assenza ta' tali regola, il-volontà ta' persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqat tal-klijent li s-servizzi tal-imsemmija persuna li timpjega ma jibqgħux jiġu pprovduti minn ħaddiema li tkun liebsa velu Iżlamiku ma tistax titqies bħala rekwiżit professjonali ta' natura li jeskludi l-eżistenza ta' diskriminazzjoni*

## *Kawża C-157/15, G4S Secure Solutions*

Fit-12 ta' Frar 2003, Samira Achbita, ta' twemmin Musulman, ġiet irreklutata bħala receptionist mill-impriża G4S. Din l-impriża privata tipprovdi, fost l-oħrajn, servizzi ta' akkoljenza lil klijenti li jagħmlu parti kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat. Fiż-żmien tar-reklutaġġ ta' S. Achbita, regola mhux miktuba fi ħdan G4S kienet tipprojbixxi lill-ħaddiema milli jilbsu simboli viżibbli tat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

F'April 2006, S. Achbita informat lill-persuna li timpjegaha li hija kellha l-intenzjoni li tilbes il-velu Iżlamiku waqt il-ħinijiet tax-xogħol. B'risposta, il-maniġment ta' G4S informaha li l-ilbies ta' velu ma kienx ser ikun ittollerat għaliex l-ilbies viżibbli ta' simboli politiċi, filosofiċi jew reliġjużi kien imur kontra n-newtralità li kienet tħaddan l-impriża fil-kuntatti tagħha mal-klijenti tagħha. Fit-12 ta' Mejju 2006, wara waqfien mix-xogħol minħabba mard, S. Achbita informat lill-persuna li timpjegaha li kienet ser terġa' tidħol ix-xogħol fil-15 ta' Mejju u li minn dakinhar 'il quddiem kienet ser tilbes il-velu Iżlamiku.

Fid-29 ta' Mejju 2006, il-kumitat ta' impriża ta' G4S approva emenda fir-regolamenti interni, li daħlet fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2006. Din tipprevedi li "l-impjegati huma pprojbiti milli jilbsu simboli b'rabta mat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tagħhom li jkunu viżibbli fuq il-post tax-xogħol u/jew li jwettqu kwalunkwe ritwal li jirriżulta minnhom". Fit-12 ta' Ġunju 2006, minħabba l-volontà persistenti, murija minn S. Achbita, li tilbes il-velu Iżlamiku fuq il-post tax-xogħol, hija tkeċċiet. Hija kkontestat din it-tkeċċija quddiem il-qrati Belġjani.

Adita bil-kawża, il-Hof van Cassatie (qorti tal-kassazzjoni, il-Belġju) tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni rigward l-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol [1]. Essenzjalment, din il-qorti tistaqsi jekk il-projbizzjoni tal-ilbies ta' velu Iżlamiku, li tirriżulta minn regola interna ġenerali ta' impriża privata, tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar, qabel kollox, li d-Direttiva tfisser bil-"prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament" l-assenza ta' kwalunkwe diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata, fost l-oħrajn, fuq ir-reliġjon. Minkejja li d-Direttiva ma tinkludix definizzjoni tal-kunċett ta' "reliġjon", il-leġiżlatur tal-Unjoni rrefera għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) kif ukoll għat-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, affermati mill-ġdid fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-kunċett ta' reliġjon għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri kemm il-fatt li wieħed ikollu twemmin reliġjuż kif ukoll il-libertà tal-persuni li jimmanifestaw dan it-twemmin fil-pubbliku.

[1] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-regola interna ta' G4S tirreferi għall-ilbies ta' simboli viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż u tkopri għaldaqstant mingħajr distinzjoni kwalunkwe manifestazzjoni ta' tali twemmin. Din ir-regola tittratta, għaldaqstant, b'mod identiku l-ħaddiema kollha tal-impriża, billi timponi fuqhom, b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, b'mod partikolari newtralità fl-ilbies. Mill-elementi tal-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li l-applikazzjoni ta' din ir-regola interna għal S. Achbita kienet differenti mill-applikazzjoni ta' din ir-regola għall-ħaddiema l-oħra ta' G4S. **Għaldaqstant, tali regola interna ma tistabbilixxix differenza fit-trattament ibbażata direttament fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fis-sens tad-Direttiva.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, madankollu, ma huwiex eskluż li l-qorti nazzjonali tkun tista' tasal għall-konklużjoni li r-regola interna tistabbilixxi differenza fit-trattament ibbażata **indirettament** fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin, jekk ikun stabbilit li l-obbligu apparentament newtrali li hija tinkludi jwassal, fil-fatt, għal żvantaġġ partikolari għall-persuni affiljati ma' reliġjon jew twemmin speċifiku.

Madankollu, tali differenza fit-trattament ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni indiretta jekk tkun iġġustifikata minn għan leġittimu, u jekk il-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan ikunu xierqa u neċessarji. Filwaqt li tenfasizza li l-qorti nazzjonali adita bil-kawża hija l-unika kompetenti sabiex tistabbilixxi jekk u sa fejn ir-regola interna hija konformi ma' dawn ir-rekwiżiti, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti indikazzjonijiet f'dan ir-rigward.

Hija tosserva li l-volontà ta' persuna li timpjega li turi immaġni ta' newtralità fil-konfront tal-klijenti tagħha kemm pubbliċi kif ukoll privati, b'mod partikolari meta jkunu involuti biss il-ħaddiema li jidħlu f'kuntatt mal-klijenti. Fil-fatt, din ix-xewqa hija relatata mal-libertà tal-intrapriża, irrikonoxxuta mill-Karta.

Barra minn hekk, il-projbizzjoni tal-ilbies viżibbli ta' simboli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż huwa xieraq sabiex jiżgura l-applikazzjoni tajba ta' politika ta' newtralità, sakemm din il-politika tkun ġenwinament segwita b'mod koerenti u sistematiku. F'dan ir-rigward, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk G4S kinitx stabbilixxiet, qabel it-tkeċċija ta' S. Achbita, politika ġenerali u mingħajr distinzjoni f'dan ir-rigward.

F'dan il-każ, għandu jiġi vverifikat ukoll jekk il-projbizzjoni hijiex intiża biss għall-ħaddiema ta' G4S li huma f'kuntatt mal-klijenti. Jekk dan huwa l-każ, il-projbizzjoni għandha titqies bħala strettament neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan segwit.

Barra minn hekk, għandu jiġi vverifikat jekk, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni restrizzjonijiet inerenti fl-impriża, u mingħajr ma din ikollha ġġorr piż supplimentari, kienx ikun possibbli għal G4S li tipproponi lil S. Achbita pożizzjoni ta' xogħol li ma timplikax kuntatt viżiv ma' dawn il-klijenti, minflok ma tkeċċiha.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-projbizzjoni tal-ilbies ta' velu Iżlamiku, li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi l-ilbies viżibbli ta' kwalunkwe simbolu politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, **ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew fuq it-twemmin fis-sens tad-Direttiva.**

Min-naħa l-oħra, tali projbizzjoni tista' tikkostitwixxi **diskriminazzjoni indiretta** jekk jiġi stabbilit li l-obbligu apparentament newtrali li hija tipprevedi jwassal, fil-fatt, għal żvantaġġ partikolari għall-persuni affiljati ma' reliġjon jew twemmin speċifiku. Madankollu, **tali diskriminazzjoni indiretta tista' tkun iġġustifikata oġġettivament minn għan leġittimu**, bħall-fatt li l-persuna li timpjega ssegwi, fir-relazzjonijiet tagħha mal-klijenti tagħha, politika ta' newtralità politika, filosofika kif ukoll reliġjuża, sakemm il-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan ikunu xierqa u neċessarji. Hija l-qorti tal-kassazzjoni Belġjana li għandha tivverifika dawn il-kundizzjonijiet.

Asma Bougnaoui ltaqgħet, fix-xahar ta' Ottubru 2007, waqt fiera għall-istudenti, qabel ir-reklutaġġ tagħha mal-impriża privata Micropole, ma' rappreżentant ta' din, li informaha bil-fatt li l-ilbies tal-velu Iżlamiku jista' joħloq problema meta hija tkun f'kuntatt mal-klijenti ta' din il-kumpannija. Meta A. Bougnaoui ppreżentat ruħha, fl-4 ta' Frar 2008, għand Micropole sabiex tagħmel hemmhekk perijodu ta' taħriġ ta' tmiem tal-istudji, hija kienet liebsa sempliċi bandana. Sussegwentement, hija libset velu Iżlamiku fuq il-post tax-xogħol tagħha. Fi tmiem dan il-perijodu ta' taħriġ, Micropole rreklutatha, mill-15 ta' Lulju 2008, taħt kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat, bħala inġinier ta' proġetti. Wara lment ta' klijent li ġie assenjat lilha minn Micropole, din l-impriża affermat mill-ġdid il-prinċipju ta' newtralità neċessarja fil-konfront tal-klijentela tagħha u talbitha ma tibqax tilbes il-velu. A. Bougnaoui rrifjutat li tagħmel dan u sussegwentement tkeċċiet. Hija kkontestat it-tkeċċija tagħha quddiem il-qrati Franċiżi.

Adita bil-kawża, il-qorti tal-kassazzjoni Franċiża tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-volontà ta' persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqa ta' klijent li s-servizzi tal-imsemmija persuna li timpjega ma jibqgħux jiġu pprovduti minn ħaddiema li tkun liebsa velu Iżlamiku tistax tikkostitwixxi "rekwiżit professjonali ġenwin u determinanti" fis-sens tad-Direttiva.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata qabel kollox li d-deċiżjoni tar-rinviju ma tippermettix li wieħed ikun jaf jekk id-domanda tal-qorti tal-kassazzjoni hijiex ibbażata fuq il-konstatazzjoni ta' differenza fit-trattament ibbażata direttament jew indirettament fuq ir-reliġjon jew it-twemmin.

Għaldaqstant, hija l-qorti tal-kassazzjoni li għandha tivverifika jekk it-tkeċċija ta' A. Bougnaoui kinitx ibbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza ta' regola interna li tipprojbixxi l-ilbies ta' kwalunkwe sinjal viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż. Jekk dan ikun il-każ, hija din il-qorti li għandha tivverifika jekk il-kundizzjonijiet osservati fis-sentenza G4S Secure Solutions humiex issodisfatti, jiġifieri jekk id-differenza fit-trattament, li tirriżulta minn regola interna apparentament newtrali li għandha mnejn twassal, fil-fatt, għal żvantaġġ partikolari għal ċerti persuni, hijiex iġġustifikata oġġettivament mill-fatt li qed tiġi segwita politika ta' newtralità, u jekk hijiex xierqa u neċessarja.

Min-naħa l-oħra, fil-każ li t-tkeċċija ta' A. Bougnaoui ma tkunx ibbażata fuq l-eżistenza ta' tali regola interna, għandu jiġi eżaminat jekk il-volontà ta' persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqa ta' klijent li s-servizzi tagħha ma jibqgħux jiġu pprovduti minn ħaddiema li tilbes velu Iżlamiku, hijiex iġġustifikata fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva, li jgħid li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li differenza fit-trattament ipprojbita mid-Direttiva ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni meta, minħabba n-natura ta' attività professjonali jew il-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħha, il-karatteristika inkwistjoni tkun tikkostitwixxi rekwiżit professjonali ġenwin u determinanti, sakemm l-għan ikun leġittimu u sakemm ir-rekwiżit ikun proporzjonat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li huwa biss f'kundizzjonijiet limitati ħafna li karatteristika marbuta, b'mod partikolari, mar-reliġjon tista' tikkostitwixxi rekwiżit professjonali ġenwin u determinanti. Fil-fatt, dan il-kunċett jirreferi għal rekwiżit oġġettivament mitlub min-natura jew mill-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju ta' attività professjonali, u ma jkoprix, min-naħa l-oħra, kunsiderazzjonijiet suġġettivi, bħall-volontà tal-persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni xewqat partikolari tal-klijent.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi, għaldaqstant, li **l-volontà ta' persuna li timpjega li tieħu inkunsiderazzjoni x-xewqat ta' klijent li s-servizzi tal-imsemmija persuna li timpjega ma jibqgħux jiġu pprovduti minn ħaddiema li tkun liebsa velu Iżlamiku ma tistax titqies bħala rekwiżit professjonali ġenwin u determinanti fis-sens tad-Direttiva**.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ C-157/15 u C-188/15 tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*